# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

# ONOR.IMHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-12 ta' Lulju 2021

**Rikors Numru : 42/2021 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**EA**

**vs**

**GB**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' EA, datat 1 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. ***Illi** l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg f'Malta fl-erba' ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija wiehed u disghin (04.05.1991) (certifikat bin-numru 549, hawn anness u mmarkat Dok. A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt (2) itfal C u H ahwa B (certificati ta' twelidt hawn annessi u mmarkata Dok. B u C rispettivament);*

2. ***Illi** l-imsemmija konjugi kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (20.11.2009)(INS 978/2010) - dokument hawn anness u mmarkat Dok "D";*

3. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom. Minkejja dan l-esponenti tixtieq tigbed ghal attenzjoni ta' l-intimat illi l-manteniment ghandu jibqa' jkun dovut lil binthom il-minuri –H taghlaq l-eta*

*ta' tmintax (18) –il sena jew tibda tahdem fuq bazi full-time, skond liema eventwalita tavvera ruhha l-ewwel. F'kaz illi bint il-kontendenti tkompli tistudja, fuq bazi full-time, wara li tilhaq l-eta' maggorenni, il-manteniment jibqa' dovut sakemm taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew ma tkomplix tistudja fuq bazi full-time, skond liema eventwalita' tavvera ruhha l-ewwel.*

4. ***Illi** dawn il-fatti jissodisfaw il-kondizzjonijiet mehtiega skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Ghaldaqstant** l-esponenti b'dikjarazzjoni guramentata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull provvediment iehor li joghgobha taghti:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fil-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur sabiex fiz-zmien imholli javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b' dan id-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, naqas milli jintavola r-risposta tieghu kif ukoll naqas milli jidher fis-seduta ghas-smigh tal-kawza, ghaldaqstant huwa kontumaci; Di piu', rat il-fakolta moghtija lilu minn din il-Qorti sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu, izda dan baqa' inadempjenti (vide fol 18);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Nota ta' EA datata 7 ta' Mejju 2021, li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EA** xehdet (vide affidavit fol 16) illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' Mejju 1991 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Novembru 2009, fl-atti tan-Nutar Dr. Bartolomeo. Iddikjarat illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni u lanqas ma hemm kwistjonijiet pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta'***

***manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Mejju 1991, liema zwieg jgib c-certifikat numru 549/1991 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 2). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat nhar l-20 ta' Novembru 2009, fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (vide Dok D, a fol 5 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi. Di piu' jirrizulta li ma hemm ebda kwistjoni dwar manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 549/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**